MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 738/2002/1

**Dr Alfred Sant bhala Kap ta' l-Opposizzjoni u mexxej tal-Malta Labour Party u Emanuel Cuschieri u Jimmy Magro ghan-nom u in rappresentanza ta` l-istess partit**

**vs**

**Chairman Awtorita` tax-Xandir u Public Broadcasting Services Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi *nomine* li tghid hekk:
"Illi l-konvenuti nomine ghandhom jaghtu servizz ta' xandir u jaraw li f'materja ta' kontroversja politika jew li jirreferu ghall-policy pubblika kurrenti, tinzamm imparzjalita xierqa. Il-konvenuti nomine in oltre huma marbuta skond l-Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-provvedimenti tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir li jaraw li l-facilitajiet u l-hinijiet jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti. Dan id-dmir tal-konvenuti jorbothom ukoll fil-kaz ta' kull servizz ta' ahbarijiet jew informazzjoni, tkun xi tkun l-ghamla tal-programmi ta' ahbarijiet jew informazzjoni;

Illi l-Kostituzzjoni u l-ligi imsemmija ma jhallu li ssir l-ebda eccezzjoni ghal dawn il-principji mfissra fuq il-kaz tas-servizzi pubblici ta' xandir, bhala ma huma s-servizzi moghtija mill-Public Broadcasting Services Limited, billi dawn servizzi finanzjati mill-gvern ghall-poplu kollu;

Illi ghal xhur shah il-konvenuti xandru jew hallew li jixxandru diversi spots mtella' mill-Malta E.U. Information Centre, aktar maghruf bhala l-MIC, (finanzjata abbondantement u bil-qawwi minn flejjes pubblici), fejn jitressqu 'l quddiem elementi favorevoli u hafna drabi risposti ghall-kritika li tkun qed taghmel l-Opposizzjoni u l-Partit Laburista dwar is-shubija shiha ta' Malta mal-Unjoni Ewropea inkluz materjal propagandistiku televisiv biex issahhah il-posizzjoni favur tali shubija shiha;

Illi din hija materja notorjament ta' kontroversja politika bejn iz-zewg partiti politici, u materja ta' policy kurrenti, li dwarha l-atturi kemm bhala Kap tal-Opposizzjoni u kemm in rappresentanza tal-Partit Laburista ghandu l-fehmiet opposti u interpretazzjoni li ma jaqblux ma' dawk li qed jinghataw b'mod martellat mill-ispots tal-MIC fuq ix-xandir pubbliku;

Illi kif inhu manifest bejn gvern u opposizzjoni hemm kontroversja shiha dwar it-tip ta' relazzjonijiet li ghandu jkun hemm mal-Unjoni Ewropea, u l-MIC, finanzjata mill-gvern b'budget li din is-sena gie triplat, ma tistax hlief tixhet il-piz taghha fuq in-naha tal-gvern meta twaqqfet bl-

ghan li tghin lill-gvern fil-posizzjoni tieghu dwar shubija shiha;

Illi l-partit laburista pprotesta mal-Awtorita' tax-Xandir, li taht il-presidenza ta' Dr. Godfrey Pirotta kienet laqghet l-ilment, imma waslet biex taghti rimedju li jkun hemm programmi mtella' mill-Awtorita' tax-Xandir li jkunu bilancjati, waqt li halliet li jkompli bla ebda bilanc il-programmi tal-MIC;

Illi wara li c-Chairman kien sostitwit, l-Awtorita' tax-Xandir kienet iddecidiet li jinghata terz tal-hin lill-partit laburista fil-konfront tal-programmi tal- MIC, liema rimedju ghalkemm jipprova jibda jaghti bilanc mhux sufficjenti bhala rimedju, tenut specjalment kont ta' kemm ilhom ghaddejjin dawn l-ispots tal-MIC;

Illi minkejja li kien hemm din id-decizjoni tal-Awtorita' tax-Xandir, minkejja n-nuqqasijiet taghha bhala rimedju effettiv, xorta l-Public Broadcasting Services Limited naqset li tobdi l-ordni bi pregudizzju ghall-partit laburista u bi ksur tad-doveri taht il-Kostituzzjoni, fil-waqt li bl-ebda mod ma waqqfet l-ispots pubblicitarji tal-MIC;

Ghalhekk jghidu l-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li bl-agir taghhom il-konvenuti, b'dak li ghamlu jew naqsu li jaghmlu, ma harsux id-dmirijiet taghhom taht u ghalhekk kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ligi tax-Xandir, l-Att XII tal-1991;

2. Tiddikjara li l-konvenuti holqu, jew hallew li jinholoq zbilanc u parzjalita' fil-qasam tax-xandir pubbliku;

3. Sabiex ikun hemm bilanc effettiv, tordna lill-konvenuti li fi zmien qasir u perentorju ixandru u jaraw li jixxandru spots tal-partit laburista ta' tul ta' hin komplessiv ta' dak mtella' mill-Malta E.U. Information Centre (MIC), u jekk hemm bzonn jinzamm ix-xandir ulterjuri ta' spots tal-istess MIC;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ulterjuri halli tithares il-Kostituzzjoni u l-bilanc xieraq fix-xandir dwar il-kontroversja bejn iz-zewg partiti politici fuq il-materja tar-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;"

Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet datata 9 ta' Lulju, 2002 l-Awtorita` tax-Xandir wiegbet hekk:
"1. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni necessarja sabiex tissindika d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir mehuda skond il-poteri konferiti lilha bis-sahha ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta - ara, f'dan is-sens, l-artikolu 118 (8) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi b'mod car illi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kostituzzjonali taghha l-Awtorita' tax-Xandir mhix soggetta ghad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorita' ohra;

2. Subordinatament u fil-mertu meta l-Awtorita' tax-Xandir taghti rimedju biex jigi radrizzat zbilanc dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha u tali diskrezzjoni giet ezercitata skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell u, b'mod partikolari, is-sentenza fl-ismijiet "L-Onorevoli Dr Eddie Fenech Adami nomine vs Dr Joe Pirotta nomine et" deciza fis-17 ta' Lulju 1997 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Jigi rilevat ukoll illi d-decIzjoni ta' l-Awtorita' li qed tigi kontestata mill-Partit Laburista tikkostitwixxi applikazzjoni ezatta ta' l-insenjamenti tas-sentenza hawn fuq citata ta' l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell;

3. Illi l-Awtorita' tax-Xandir tat rimedju shih u mhux rimedju parzjali kif qed jigi allegat fic-citazzjoni;

4. Li mhux minnu li l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni japplika biss ghal xandir pubbliku kif donnu qed jaghtu l-impressjoni l-atturi fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni taghhom;

Illi ghalhekk id-decizjoni ta’ l-Awtorita’ hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-ligi;”

Is-socjeta` konvenuta l-ohra, cioe` il-Public Broadcasting Services Ltd. wiegbet hekk bin-nota taghha tal-10 ta’ Lulju, 2002:
“i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u konsegwentament ghandhom jigu michuda;

ii. Illi preliminarjament l-azzjoni tirrigwarda ksur ta’ l-Att 119 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ma hix il-legittimu kuntradittur u ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi nomine u ghalhekk ghandha tigi liberata mill- osservanza tal-gudizzju;

iii. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha peress illi l-programmi tal-Malta EU Information Centre imxandra mis-socjeta’ konvenuta ma kisru bl-ebda mod il-ligi u huma biss intizi sabiex jaghtu taghrif bilancjat dwar is-shubija o meno fl-Unjoni Ewropeja;

iv. Illi s-socjeta’ eccipjenti qatt ma halliet li jinholoq zbilanc, tant li fis-sentejn li ilhom isiru programmi ta’ taghrif dwar l-Unjoni Ewropeja l-istess socjeta’ qatt ma giet imwaqqfa milli taghmel dan, u lanqas ma kien gie ordnat xi rimedju peress li ma hemmx zbilanc kif allegat. Illi kien biss ricentement li l-Awtorita’ tax-Xandir ordnat lil eccipjenti li jxandar spots tal-atturi fir-rigward;

v. Illi l-eccipjenti kienu ntavolaw kawza kontra l-Awtorita’ tax-Xandir sabiex jigi dikjarat li l-ordni moghti mill-istess kien ultra vires u li jippregudika serjament l-interessi ta’ l- eccipjenti, u li tali ordni kien jikser il-Kostituzzjoni; u konsegwentement tablet li tigi dikjarata nulla u invalida d-decIzjoni ta’ l- Awtorita’ tad-29 ta’ Mejju 2002;

Illi ghaldaqstant kwalunkwe decizjoni fir-rigward trid necessarjament tittiehed wara li tigi deciza l-kawza fuq referita;

Ghaldaqstant l-eccipjenti jissottomettu li t-talba odjerna hija intempestiva u ghar-ragunijiet fuq premessi ghandha tigi michuda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;"

Permezz ta' sentenza – li qed tigi riprodotta fl-intier taghha bhala appendici "A" ma' din is-sentenza ta' l-appell biex tifforma parti intergrali minnha – il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

1. cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir;
2. cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-Public Broadcasting Services Ltd.;
3. laqghet l-ewwel talba attrici izda biss fil-konfront tal-Public Broadcasting Services Ltd., u cahdet l-istess talba in kwantu tirrigwarda l-Awtorita` tax-Xandir;
4. laqghet it-tieni talba attrici izda biss fil-konfront tal-Public Broadcasting Services Ltd. u dan in kwantu din naqset li toqghod ghad-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir li xxandar l-i*spots* tal-Partit attur, u cahditha kwantu tirreferi ghall-Awtorita` tax-Xandir;
5. ipprovdiet dwar it-tielet u r-raba' talbiet attrici billi ordnat lill-P.B.S. Ltd. twettaq dak minnha ordnat mill-Awtorita` tax-Xandir fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Gunju, 2002, kif sussegwentement mibdula fit-13 ta' Gunju, 2002, u lill-Awtorita` tax-Xandir li tqis li l-ordnijiet taghha kif moghtija b'dik id-decizjoni, jew ordnijiet jew direttivi ohrajn mahruga minnha bi twettiq ta' dik id-decizjoni, jigu mharsin u mwettqa tempestivament, sakemm jibqghu jipprevalu c-cirkostanzi li fihom ittiehdet dik id-decizjoni;
6. laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir; u
7. ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu skond ir-rebh u t-telf, b'dan illi l-ispejjez ta' l-Awtorita` tax-Xandir dwar l-ewwel zewg talbiet attrici kellhom jithallsu mill-atturi *nomine*.

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` Public Broadcasting Services Ltd., u dan permezz ta’ rikors datat 16 ta’ Settembru, 2002. Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza (inkluza l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Chairman tal-Kumpanija Public Broadcasting Services Limited et vs. Awtorita` tax-Xandir et* Citaz. Nru. 711/02 JRM, u dan in vista tal-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta’ Lulju, 2002, fol. 129), wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet koncernati kollha, issa sejra tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha fuq l-appell interpost.

Jinghad mill-ewwel li din il-kawza ssegwi b’mod logiku mill-kawza appena msemmija – cioe` Citaz. Nru. 711/02 JRM – u dan anke peress li tista’ tghid li l-punti ta’ dritt kollha kif ukoll il-fatti saljenti f’dik il-kawza jghoddu ghal din il-kawza. In fatti f’din il-kawza dak li s-socjeta` qed tappella minnu huwa semplicement id-decizjoni tal-Prim Awla li sabitha hatja li kisret il-Kostituzzjoni u l-Kap. 350 u li holqot jew halliet li jinholoq zbilanc u parzjalita` fil-qasam tax-xandir pubbliku. Hafna mill-argumenti tas-socjeta` appellanti f’din il-kawza huma l-istess bhal dawk minnha maghmula fir-rikors ta’ appell fil-kawza 711/02. Il-qofol tal-vertenza odjerna tinsab f’dik il-parti tas-sentenza appellata li tghid hekk:

“Illi, madanakollu, il-qaghda tal-kumpanija mharrka nbidlet ghal kollox wara s-6 ta’ Gunju, 2002, jigifieri dak inhar li l-Awtorita` mharrka iddecidiet li l-Partit attur jibda jxandar *spots* bi twegiba. Minn dak inhar, il-Public Broadcasting Services Limited zammet lura milli twettaq dak ordnat minnha. Min-naha tieghu, il-Partit attur accetta (ghalkemm mhux minghajr rizervi) li jiehu sehem f’dik l-iskema. Ghalkemm uriet premura mill-aktar imrazzna fl-imgieba taghha u rrikorriet bla dewmien zejjed ghall-proceduri gudizzjarji biex tigi definita` d-diffikulta` li kellha dwar l-ordni moghti lilha bid-decizjoni ta’ l-Awtorita`, jibqa l-fatt li, b’effett mis-17 ta’ Gunju, 2002, il-kumpanija mharrka kienet qeghda effettivament thalli li jinholoq zbilanc kontra l-atturi *nomine*, u dan bi ksur tal-jeddijiet taghhom taht il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta’ Malta. Is-

sentenza moghtija llum fuq l-azzjoni ta' dik il-kumpanija, tissokta tikkonferma dan."

Effettivament anke s-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti f'dik il-kawza (711/02) tissottolinea n-nuqqas tal-P.B.S. li tosserva l-ligi meta, wara li kellha ordni car mill-Awtorita` tax-Xandir, sfidat dak l-ordni u minflok irrikorriet ghal *judicial review*. Ghall-finijiet ta' din il-kawza x'gara qabel is-17 ta' Gunju, 2002 huwa irrelevanti. Is-socjeta` appellanti setghet, qabel dik id-data, kienet osservanti skrupluza ghall-ahhar tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 350; wara dik id-data l-izbilanc u/jew parzjalita` ravvizat/a mill-Awtorita` tax-Xandir minhabba l-i*spots* tal-M.I.C. kienu ngiebu kjarament a konjizzjoni tal-P.B.S.; u din ma setghetx tinjora l-ordni ta' l-Awtorita` minghajr ma tkun qeghda hi stess thalli li jkompli (u possibilment jizdied) dak l-izbilanc u/jew parzjalita` hekk ravvizat.

Qabel xejn din il-Qorti ser tiddeciedi l-punt sollevat – din il-Qorti tifhem li bhala eccezzjoni – mill-Avukat Dott. Joseph Brincat a nom tal-intimat Malta Labour Party fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2002, u cioe` l-eccezzjoni li "l-appellipprezentat fil-Qorti ta' l-Appell huwa irritu u null stante li skond l-Artikolu 95(2)(d) [tal-Kostituzzjoni] kellu jsir quddiem il-Qorti Kostituzzjonali stante li l-punt imqajjem huwa dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u cioe` l-Artikolu 119". Din l-eccezzjoni hija infondata. L-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ghall-finijiet tal-kawza *de quo* jinsab inkorporat f'diversi disposizzjonijiet tal-Kap. 350 (ara d-diversi disposizzjonijiet citati fis-sentenza fil-kawza nru. 711/02), u ghalhekk ghandha tipprevali l-procedura ordinarja ta' appell lil din il-Qorti u mhux lill-Qorti Kostituzzjonali. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

L-ewwel aggravju u r-raba' aggravju tas-socjeta` appellanti huma, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti iddecidiet hazin meta laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici fil-konfront taghha. Hija tikkontendi li kellha dritt tirrikorri ghal *judicial review*, u li min jaghmel uzu ta' dritt moghti lilu ma jistax jitqies li qieghed jaghmel hsara lil haddiehor jew b'xi mod jikser il-ligi. Pero` s-socjeta` appellanti ma

nstabitx hatja li kisret il-ligi ghax ghamlet uzu minn dritt moghti lilha; hija instabet hekk hatja ghax naqset milli tobdi ordni legittimu moghti lilha minn awtorita` pubblika kompetenti. Kif din il-Qorti osservat fis-sentenza moghtija llum fil-kawza 711/02, meta l-Awtorita` tax-Xandir taghti ordni jew direttiva (lil xi persuna li taghti servizz ta' xandir f'Malta) li tkun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut taghha, dak l-ordni jew dik id-direttiva ghandha, bhala regola, tigi minnufih obduta, salv id-dritt tal-persuna li taghti s-servizzi ta' xandir ta' smigh jew ta' televizjoni u li lilha jkun indirizzat dak l-ordni jew dik id-direttiva li tikkontesta il-legalita` ta' l-istess ordni jew direttiva u, jekk ikun il-kaz, tirreklama d-danni wara li tkun ottemperat ruhha ma l-istess ordni jew direttiva. Altrimenti, bl-iskuza ta' *judicial review* jew ta' xi proceduri gudizzjarji ohra, il-funzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir li taghti rimedji fi zmien utili facilment jigi vanifikat. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn izzid aktar fuq dan l-aggravju.

It-tieni u t-tielet aggravji huma, tista' tghid, identici ghat-tieni aggravju u ghat-tielet aggravju fl-appell fil-kawza 711/02. Ghalkemm din il-kawza ma hijiex wahda ta' stharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A, ir-ragunijiet migjuba f'dik is-sentenza ghala dawk iz-zewg aggravji f'dik il-kawza kienu qed jigu respinti japplikaw ukoll ghal dawn iz-zewg aggravji f'din il-kawza. Ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti qed taghmel referenza ghal dik is-sentenza (moghtija, kif diga inghad, illum stess).

L-ahhar aggravju hu fis-sens li s-socjeta` appellanti agixxiet in buona fede meta irrikorriet quddiem il-qorti ghal stharrig gudizzjarju. La din il-Qorti u anqas l-ewwel Qorti qatt ma esprimew ruhhom f'sens kuntrarju. Wiehed jista' jkun qed jagixxi in buona fede izda minkejja dan ikun qed jikser il-ligi. Kieku din il-Qorti kellha xi dubbju li s-socjeta` appellanti ma kienitx in buona fede (u li ghalhekk kienet qed tintavola dana l-appell biex tkompli tippersisti fil-mala fede) kienet minghajr l-icken esitazzjoni twahhal spejjez doppji. Dan mhux ser taghmlu ghax il-buona fede tas-socjeta` appellanti ma hijiex verament *in issue* (bhalma ma kienitx *in issue* fil-kawza 711/02) u anqas in dubbju.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti hlief ghal dik il-parti li tirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-Malta Labour Party dwar l-irritwalita` u n-nullita` ta’ l-appell (eccezzjoni li giet michuda) li ghandhom jithallsu mill-istess Malta Labour Party.

Dep/Reg
gs

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Hamis, 5 ta' Settembru, 2002

**Kawza Numru 1**
**Citazz. Nru. 738/02JRM**

**Dr. Alfred SANT bhala Kap tal-Oppozizzjoni u mexxej tal-Malta Labour Party u Emanuel Cuschieri u Jimmy Magro ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess partit**

vs

***CHAIRMAN* AWTORITA' TAX-XANDIR u Public Broadcasting Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fit-28 ta' Gunju, 2002, li bih l-atturi, fil-kwalita' taghhom hawn fuq imsemmija, ippremettew:

Illi l-konvenuti nomine ghandhom jaghtu servizz ta' xandir u jaraw li f'materja ta' kontroversja politika jew li jirreferu ghall-policy pubblika kurrenti, tinzamm imparzjalita xierqa. Il-konvenuti nomine in oltre huma marbuta skond l-Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-provvedimenti tal-

Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir li jaraw li l-facilitajiet u l-hinijiet jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti. Dan id-dmir tal-konvenuti jorbothom ukoll fil-kaz ta' kull servizz ta' ahbarijiet jew informazzjoni, tkun xi tkun l-ghamla tal-programmi ta' ahbarijiet jew informazzjoni;

Illi l-Kostituzzjoni u l-ligi imsemmija ma jhallu li ssir l-ebda eccezzjoni ghal dawn il-principji mfissra fuq il-kaz tas-servizzi pubblici ta' xandir, bhala ma huma s-servizzi moghtija mill-Public Broadcasting Services Limited, billi dawn servizzi finanzjati mill-gvern ghall-poplu kollu;

Illi ghal xhur shah il-konvenuti xandru jew hallew li jixxandru diversi spots mtella' mill-Malta E.U. Information Centre, aktar maghruf bhala l-MIC, (finanzjata abbondantement u bil-qawwi minn flejjes pubblici), fejn jitressqu 'l quddiem elementi favorevoli u hafna drabi risposti ghall-kritika li tkun qed taghmel l-Opposizzjoni u l-Partit Laburista dwar is-shubija shiha ta' Malta mal-Unjoni Ewropea inkluz materjal propagandistiku televisiv biex issahhah il-posizzjoni favur tali shubija shiha;

Illi din hija materja notorjament ta' kontroversja politika bejn iz-zewg partiti politici, u materja ta' policy kurrenti, li dwarha l-atturi kemm bhala Kap tal-Opposizzjoni u kemm in rappresentanza tal-Partit Laburista ghandu l-fehmiet opposti u interpretazzjoni li ma jaqblux ma' dawk li qed jinghataw b'mod martellat mill-ispots tal-MIC fuq ix-xandir pubbliku;

Illi kif inhu manifest bejn gvern u opposizzjoni hemm kontroversja shiha dwar it-tip ta' relazzjonijiet li ghandu jkun hemm mal-Unjoni Ewropea, u l-MIC, finanzjata mill-gvern b'budget li din is-sena gie triplat, ma tistax hlief tixhet il-piz taghha fuq in-naha tal-gvern meta twaqqfet bl-ghan li tghin lill-gvern fil-posizzjoni tieghu dwar shubija shiha;

Illi l-partit laburista pprotesta mal-Awtorita' tax-Xandir, li taht il-presidenza ta' Dr. Godfrey Pirotta kienet laqghet l-ilment, imma waslet biex taghti rimedju li jkun hemm

programmi mtella' mill-Awtorita' tax-Xandir li jkunu bilancjati, waqt li halliet li jkompli bla ebda bilanc il-programmi tal-MIC;

Illi wara li c-Chairman kien sostitwit, l-Awtorita' tax-Xandir kienet iddecidiet li jinghata terz tal-hin lill-partit laburista fil-konfront tal-programmi tal- MIC, liema rimedju ghalkemm jipprova jibda jaghti bilanc mhux sufficjenti bhala rimedju, tenut specjalment kont ta' kemm ilhom ghaddejjin dawn l-ispots tal-MIC;

Illi minkejja li kien hemm din id-decizjoni tal-Awtorita' tax-Xandir, minkejja n-nuqqasijiet taghha bhala rimedju effettiv, xorta l-Public Broadcasting Services Limited naqset li tobdi l-ordni bi pregudizzju ghall-partit laburista u bi ksur tad-doveri taht il-Kostituzzjoni, fil-waqt li bl-ebda mod ma waqqfet l-ispots pubblicitarji tal-MIC;

Ghalhekk jghidu l-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li bl-agir taghhom il-konvenuti, b'dak li ghamlu jew naqsu li jaghmlu, ma harsux id-dmirijiet taghhom taht u ghalhekk kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ligi tax-Xandir, l-Att XII tal-1991;

2. Tiddikjara li l-konvenuti holqu, jew hallew li jinholoq zbilanc u parzjalita' fil-qasam tax-xandir pubbliku;

3. Sabiex ikun hemm bilanc effettiv, tordna lill-konvenuti li fi zmien qasir u perentorju ixandru u jaraw li jixxandru spots tal-partit laburista ta' tul ta' hin komplessiv ta' dak mtella' mill-Malta E.U. Information Centre (MIC), u jekk hemm bzonn jinzamm ix-xandir ulterjuri ta' spots tal-istess MIC;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ulterjuri halli tithares il-Kostituzzjoni u l-bilanc xieraq fix-xandir dwar il-kontroversja bejn iz-zewg partiti politici fuq il-materja tar-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat ir-Rikors imressaq mill-atturi fl-4 ta' Lulju, 2002, li bih talbu li l-kawza tinstema' bl-urgenza u bid-dispensa tal-ferjat u hinijiet legali, liema talba ntlaqghet b'Degriet moghti dak inhar stess;

Rat in-Nota mressqa fid-9 ta' Lulju, 2002, li biha l-Awtorita' tax-Xandir eccepiet:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni necessarja sabiex tissindika d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir mehuda skond il-poteri konferiti lilha bis-sahha ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta - ara, f'dan is-sens, l-artikolu 118 (8) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi b'mod car illi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kostituzzjonali taghha l-Awtorita' tax-Xandir mhix soggetta ghad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorita' ohra;

2. Subordinatament u fil-mertu meta l-Awtorita' tax-Xandir taghti rimedju biex jigi radrizzat zbilanc dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha u tali diskrezzjoni giet ezercitata skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell u, b'mod partikolari, is-sentenza fl-ismijiet "L-Onorevoli Dr Eddie Fenech Adami nomine vs Dr Joe Pirotta nomine et" deciza fis-17 ta' Lulju 1997 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Jigi rilevat ukoll illi d-decIzjoni ta' l-Awtorita' li qed tigi kontestata mill-Partit Laburista tikkostitwixxi applikazzjoni ezatta ta' l-insenjamenti tas-sentenza hawn fuq citata ta' l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell;

3. Illi l-Awtorita' tax-Xandir tat rimedju shih u mhux rimedju parzjali kif qed jigi allegat fic-citazzjoni;

4. Li mhux minnu li l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni japplika biss ghal xandir pubbliku kif donnu qed jaghtu l-impressjoni l-atturi fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni taghhom;

Illi ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita' hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita' mharrka;

Rat in-Nota mressqa fl-10 ta' Lulju, 2002, li biha l-kumpannija mharrka Public Broadcasting Services Limited eccepiet:

i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u konsegwentament ghandhom jigu michuda;

ii. Illi preliminarjament l-azzjoni tirrigwarda ksur ta' l-Att 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma hix il-legittimu kuntradittur u ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi nomine u ghalhekk ghandha tigi liberata mill- osservanza tal-gudizzju;

iii. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha peress illi l-programmi tal-Malta EU Information Centre imxandra mis-socjeta' konvenuta ma kisru bl-ebda mod il-ligi u huma biss intizi sabiex jaghtu taghrif bilancjat dwar is-shubija o meno fl-Unjoni Ewropeja;

iv. Illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma halliet li jinholoq zbilanc, tant li fis-sentejn li ilhom isiru programmi ta' taghrif dwar l-Unjoni Ewropeja l-istess socjeta' qatt ma giet imwaqqfa milli taghmel dan, u lanqas ma kien gie ordnat xi rimedju peress li ma hemmx zbilanc kif allegat. Illi kien biss ricentement li l-Awtorita' tax-Xandir ordnat lil eccipjenti li jxandar spots tal-atturi fir-rigward;

v. Illi l-eccipjenti kienu ntavolaw kawza kontra l-Awtorita' tax-Xandir sabiex jigi dikjarat li l-ordni moghti mill-istess kien ultra vires u li jippregudika serjament l-interessi ta' l- eccipjenti, u li tali ordni kien jikser il-Kostituzzjoni; u konsegwentement tablet li tigi dikjarata

nulla u invalida d-decIzjoni ta' l- Awtorita' tad-29 ta' Mejju 2002;

Illi ghaldaqstant kwalunkwe decizjoni fir-rigward trid necessarjament tittiehed wara li tigi deciza l-kawza fuq referita;

Ghaldaqstant l-eccipjenti jissottomettu li t-talba odjerna hija intempestiva u ghar-ragunijiet fuq premessi ghandha tigi michuda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-atturi noe et;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mharrka;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-12 ta' Lulju, 2002[1], bix-xhieda bl-Affidavit tal-attur Jimmy Magro, u l-ohra mressqa wkoll dak inhar mill-Awtorita' tax-Xandir[2] b'ghadd ta' dokumenti mehmuzin maghha, kif ukoll in-Nota mressqa fid-19 ta' Lulju, 2002, mill-istess Awtorita'[3], bix-xhieda bl-Affidavit tal-Ezekuttiv Ewlieni taghha Dottor Kevin Aquilina u bosta dokumenti mehmuzin maghha;

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' Lulju, 2002, mill-Awtorita' mharrka li bih talbet li jissejhu fil-kawza il-Partit Nazzjonalista u Alternativa Demokratika;

Rat id-Degriet taghha kamerali tal-15 ta' Lulju, 2002[4], li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmija cahdet it-talba tal-Awtorita' ghas-sejha fil-kawza mitluba;

Rat il-verbal tas-smigh tat-12 ta' Lulju, 2002, li fih, fost l-ohrajn, sar qbil li ssir it-trattazzjoni fil-mertu minkejja l-eccezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-partijiet, liema

[1] Pagg. 20 sa 26 tal-process
[2] Pagg. 27 sa 56 tal-process
[3] Pagg. 63 sa 122 tal-process
[4] Pagg. 59 sa 62 tal-process

eccezzjonijiet tinghata decIzjoni dwarhom f'sentenza wahda;

Rat id-Degrieti taghha tat-12 ta' Lulju, 2002, li bih, fl-ewwel lok ordnat li jsir is-smigh flimkien u b'urgenza ta' din il-kawza flimkien mal-kawza numru 711/02JRM u dan minhabba r-rabta li l-mertu ta' kull wahda minnhom ghandu mal-ohra; u, fit-tieni lok, li bih ordnat li l-partijiet iressqu l-provi kollha li ghandhom sa mhux izjed tard mit-23 ta' Lulju, 2002, b'notifika lill-kontroparti;

Rat il-verbal tas-smigh tal-25 ta' Lulju, 2002, li fih sar qbil li x-xhieda mressqa f'din il-kawza tkun tghodd ghall-kawza Numru 711/02JRM, u li dik imressqa fl-imsemmija kawza tkun tghodd ukoll ghal din;

Semghet lix-xiehda imtellghin in kontro-ezami;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-25 ta' Lulju, 2002, li bih hallliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawza, l-atturi qeghdin jixlu lill-imharrkin b'nuqqas ta' imparzjalita' xierqa kif stabilit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att tal-1991 dwar ix-Xandir, fir-rigward ta' trasmissjonijiet televizivi dwar *spots* imtellghin mill-Malta-E.U. Information Centre (M.I.C.), u dan billi hallew li jinzamm zbilanc u parzjalita' f'qasam ta' xandir pubbliku. Qeghdin jitolbu rimedju xieraq biex jitnehha dan l-izbilanc u jinghataw ordnijiet u direttivi biex jigi zgurat li l-ligi qeghda tigi mharsa;

Illi min-naha taghhom, l-imharrkin laqghu b'diversi eccezzjonijiet. L-Awtorita' tax-Xandir qeghda tghid li din il-Qorti ma tistax tqis it-talbiet attrici ghaliex m'ghandhiex il-gurisdizzjoni tistharreg decizjonijiet mehuda mill-Awtorita'

tax-Xandir fil-qadi tal-funzjonijiet taghha taht il-Kostituzzjoni[5]; u, fit-tieni lok, billi qeghda tghid li meta hija tordna li jittiehed rimedju biex jigi raddrizzat zbilanc, dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha, u dan wettqitu skond il-Kostituzzjoni ta’ Malta u skond l-Att dwar ix-Xandir[6]. Izzid tghid li, fil-kaz partikolari, mxiet fedelment mall-kriterji stabiliti minn precedent gudizzjarju tal-oghla Qorti tal-pajjiz, u li d-decizjoni kontestata mill-atturi hija konformi ma’ dawk il-kriterji. Minbarra dan, l-Awtorita’ mharrka tghid li, bid-decizjoni taghha dwar l-ilment tal-atturi, hija tat rimedju shih u mhux parzjali u li m’huwiex sewwa li jinghad li d-dettami tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni japplikaw biss fil-kuntest ta’ xandir pubbliku. Ghalhekk, tishaq li d-decizjoni taghha tinsab imsejsa fuq prassi stabilita, u proporzjonata;

Illi, min-naha taghha, l-kumpannija mharrka tghid li, preliminarjament, ma messhiex tharrket ghaliex billi l-azzjoni tirrigwarda allegat ksur tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, hija m’ghandha l-ebda rabta guridika mal-atturi *nomine*, u ghalhekk qeghda titlob li tinheles milli tibqa’ fil-kawza. Fil-mertu, hija tghid li t-talbiet attrici m’humiex misthoqqa u ghandhom jigu michuda ghaliex il-programmi mxandra minnha ma kisru l-ebda ligi u huma biss mahsuba li jaghtu taghrif bilancjat dwar l-ishubija o menu fl-Unjoni Ewropeja, u billi hi qatt ma halliet jinholoq zbilanc fiz-zmien kollu li l-imsemmija programmi ilhom jixxandru. Kien biss dan l-ahhar li l-Awtorita’ tax-Xandir hadet mizura li biha ordnat ix-xandir ta’ *spots* imtellghin mill-atturi *nomine*. Fl-ahharnett, qeghda tecepixxi l-intempestivita’ ghaliex qeghda tghid li billi hija stess qeghda tikkontesta s-siwi tal-imsemmija decizjoni tal-Awtorita’ mharrka fi proceduri li kienet fethet apposta b’dan il-hsieb[7], ikun xieraq li l-ewwel jigu maqtugha l-kwestjonijiet imqanqlin b’dik il-kawza;

Illi qabel ma wiehed jghaddi biex jifli l-aspetti legali li jsawru din il-kwestjoni, ikun xieraq li jissemmew **il-fatti**

[5] Art 118(8) tal-Kostituzzjoni

[6] Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta’ Malta

[7] Riferenza ghall-kawza ***Chairman Public Broadcasting Services Ltd. Et vs Awtorita’ tax-Xandir et*** (Citazz. Nru. 711/02JRM) li qeghda tinghata sentenza taghha llum stess

**<u>ewlenin li jirrizultaw mill-atti tal-kawza</u>.** Is-sekwenza kronologika dettaljata tal-fatti tissemma fin-nota mahlufa ta' Dottor Kevin Aquilina[8], u fl-Affidavit ta' Jimmy Magro tal-10 ta' Lulju, 2002[9] (li effettivament jirrigwarda l-kronologija tal-ilmenti kollha mressqa mill-Malta Labour Party ghal kull sensiela ta' programmi mxandra mill-MTV dwar l-Unjoni Ewropeja, u mhux biss ghar-rigward tal-i*spots* tal-M.I.C. li jaghmlu l-mertu ta' din il-kawza), u tal-istess Dottor Aquilina tad-19 ta' Lulju, 2002[10];

Illi jidher li l-ewwel ilment imressaq lill-Awtorita' tax-Xandir dwar l-i*spots* tal-M.I.C. sar mill-Malta Labour Party fl-14 ta' Dicembru, 2000[11], u l-Awtorita' tax-Xandir wiegbet ghalih fl-4 ta' Jannar, 2001[12], bir-riferenza tad-decizjoni li kienet ittiehdet minnha. Il-Partit attur kien wera li ma qabilx ma' dik id-decizjoni b'ittra datata 19 ta' Frar, 2001[13]. Fit-8 ta' Jannar ta' din is-sena, rega' sar protest iehor mill-M.L.P lill-Awtorita'[14] dwar l-istess *spots.* Fuq parir legali moghti lilha[15] u wara deliberazzjoni li saret fi hdanha fit-30 ta' Jannar, 2002[16], l-Awtorita' ipproponiet sensiela ta' programmi[17] li kellhom jibdew jixxandru mill-21 ta' Marzu u jibqghu sejrin sa April tal-2003, izda li madankollu, l-M.L.P. ma laqax li jiehu sehem fihom ghar-ragunijiet li jsemmi f'ittra tieghu lill-Awtorita' fit-12 ta' Marzu, 2002[18]. Sadattant, ghalaq iz-zmien tal-hatra tal-Awtorita' tax-Xandir u giet mahtura l-Awtorita' tax-Xandir kif illum komposta;

Illi, minnufih, regghu saru rapprezentazzjonijiet mill-M.L.P. dwar l-i*spots* tal-M.I.C., u nzammet laqgha fl-24 t'April, 2002, li matulha l-Malta Labour Party ressaq "*position paper*"[19] dwar il-kontroversja. Fid-29 ta' Mejju, 2002, l-

---

[8] Pagg. 21 sa 23 tal-atti tal-Kawza Nru 711/02JRM
[9] Pagg. 21 sa 26 tal-process
[10] Pagg. 64 sa 68 tal-process
[11] Dok "KA10", f'pagg. 85-7 tal-process
[12] Dok "KA11" f'pagg. 90 u 98 tal-process (li huma kopja tal-istess dokument originali)
[13] Dok "KA12", f'pag. 91 tal-process
[14] Dok "KA18", f'pagg. 99-100 tal-process
[15] Dok "KA21", f'pagg. 104-5 tal-process
[16] Dok "KA22", f'pagg. 106-7 tal-process
[17] Dok "KA23", f'pagg. 108-113 tal-process
[18] Dok "KA24" f'pagg. 113-4 tal-process
[19] Dokti "AX1", f'pagg. 30-32 u "KA26" f'pagg.116-8 tal-process

Awtorita' ressqet nota f'ghamla ta' "abbozz ghal diskussjoni" mahruga mic-*Chairman* taghha, dwar il-kwestjoni[20]. Fis-6 ta' Gunju, 2002, l-Awtorita' iddecidiet li taghti lill-Malta Labour Party terz tal-hin mehud mill-imsemmija *spots* tal-M.I.C. biex ixandar *spots* imtellghin minnu taht l-awtorita' taghha biex iwassal il-fehmiet tieghu dwar shubija fl-Unjoni Ewropeja f'hinijiet li jixxiebhu ma' dawk li fihom jixxandru l-i*spots* tal-M.I.C., u li tali *spots* jixxandru fuq il-mezzi ta' xandir pubbliku, f'hinijiet rizervati mill-kumpannija attrici ghar-reklami, bla hlas, u b'effett mill-10 ta' Gunju, 2002[21];

Illi gie stabilit li l-i*spots* imtellghin mill-M.I.C. kienu qeghdin isiru bi hlas lill-kumpannija attrici;

Illi l-Awtorita' gharrfet lill-partijiet interessati, fosthom lill-kumpannija mharrka, bid-decizjoni taghha dak inhar stess. Izda, fit-13 ta' Gunju, 2002[22] l-Awtorita' mharrka baghtet ittra lill-kumpannija mharrka biex tgharrafha li l-hin li kellu jghaddi bejn xandira ta' *spot* tal-M.I.C. u ohra tal-M.L.P. ma kellux jisboq hmistax-il minuta. Il-kumpannija mharrka, min-naha taghha, gharrfet lill-Awtorita' fl-14 ta' Gunju, 2002[23], li kienet sejra tiehu parir legali dwar id-decizjoni u li sadattant ma kienet sejra taghmel xejn li seta' jippregudika l-pozizzjoni taghha, u b'ittra tal-20 ta' Gunju, 2002[24], li ma kinitx bi hsiebha twettaq dak li l-Awtorita' ordnatilha li taghmel, u dan ghar-raguni hemm imsemmija;

Illi l-partit attur, wara li nghatat id-decizjoni tal-Awtorita' mharrka tas-6 ta' Gunju, 2002, ghalkemm qies l-istess decizjoni bhala "*ultra vires*, nulla u bla effett"[25], laqa' l-hin allokat taht protesta u hejja l-ewwel *spot* tieghu li kellu jixxandar fis-17 ta' Gunju, izda l-Awtorita' mharrka ghal darbtejn talbet li jsir bdil ghaliex dehrilha li l-i*spot* kien wiehed ta' opinjoni politika ("propaganda") u mhux ta'

---

[20] Dok "AX1", f'pagg. 34 sa 43 tal-process
[21] Dok "AX1", f'pagg. 45 sa 50 tal-process
[22] Dokument mhux esebit, imma li jissemma fil-premessi tac-Citazzjoni u fit-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni attrici fil-kawza Nru. 711/02JRM
[23] Dokti "KA8" u "PBS1", f'pagg. 33 u 118 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM
[24] Dok "KA10", f'pag. 35 tal-process
[25] Dok "KA2", f'pagg. 25-6 tal-process

taghrif[26]. L-istess gara f'zewg *spots* ohrajn li thejjew. L-Awtorita' mharrka baghtet tgharraf lill-kumpannija mharrka b'avviz tal-20 ta' Gunju, 2002[27], dwar il-jiem u l-hinijiet li fihom kellhom jixxandru z-zewg ghamliet ta' *spots* imhejjijin mill-Partit Laburista. Sadanittant, izda, sa ma lahqu xxandru l-imsemmija *spots*, il-kumpannija attrici kienet uriet li hija kienet qeghda tikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita' u, fit-28 ta' Gunju, 2002, infethet din il-kawza;

Illi fl-affidavit tieghu, Anthony Tabone, *Chairman* tal-kumpannija mharrka, jghid[28] li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' mharrka fis-6 ta' Gunju, 2002, kienet tmur kontra dak li qalet fid-decizjoni taghha tat-30 ta' Jannar, 2002, u din kienet wahda mir-ragunijiet ewlenin li minhabba fihom qeghda tikkontesta d-decizjoni tas-6 ta' Gunju b'kawza ghaldaqstant. Huwa jghid ukoll li huwa fatt li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' fis-6 ta' Gunju, 2002, tolqot biss lill-kumpannija rapprezentata minnu, u mhux ukoll lil stazzjon iehor televiziv privat (NET Tv), li bhalha kien qieghed ixandar l-i*spots* tal-M.I.C. bi hlas u li ma giex ordnat ixandar *spots* tal-M.L.P. |ied jghid li, minbarra dan, billi d-decizjoni tal-Awtorita' thalli l-ghazla tal-hin f'idejn il-M.L.P. u f'hin rizervat ghar-reklami, l-effetti ta' dik id-decizjoni kienu jfissru t-tharbit ta' skema u rabtiet li l-kumpannija mharrka kienet ilha li iffissat ma' terzi minn zmien qabel;

Illi billi l-kawza prezenti tirrigwarda biss il-kwestjoni tal-i*spots* tal-M.I.C., u b'mod partikolari d-decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' mharrka dwarhom, kull prova ohra dwar xandiriet ohrajn li m'humiex milqutin b'dawk id-decizjonijiet m'hijiex sejra titqies f'din is-sentenza. Dan qieghed jinghad ghaliex il-kronologija tal-fatti maghmula mill-attur Magro tmur lura ghall-1999. Issa billi gie pruvat li x-xandir tal-i*spots* tal-M.I.C. permezz tat-televizjoni beda mill-2000, ma jistax ikun li l-ilmenti tal-Partit attur qabel dak iz-zmien kienu jirreferu ghalihom, imma ghal xandiriet ohra. Bl-istess mod, il-Qorti qeghda tqis biss dawk il-fatti li sehhew sa dak inhar li nfethet din il-kawza[29];

---

[26] Dokti "KA27" u "KA28" f'pagg. 120 u 121 tal-process
[27] Dok "AJT2", f'pagg. 114-5 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM
[28] Dok "AJT" f'pag. 56 tal-process
[29] Ara App. Civ. **20.5.1982** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona noe et*** (Mhix pubblikata)

Illi meta saru l-kontro-ezamijiet u nstemghet ix-xhieda waqt is-smigh, irrizultaw hwejjeg ohrajn li jistghu jitqiesu siewja hafna fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali li jehtieg li jsiru f'din is-sentenza. Fl-ewwel lok, mix-xhieda moghtija mill-Ezekuttiv Ewlieni tal-Awtorita' mharrka, Dottor Aquilina, gie stabilit li l-istess Awtorita' kienet fehmet li l-i*spots* tal-M.L.P. ma kellhomx jitqiesu bhala reklami[30], u li l-hin mehud minnhom ma kellux jitqies ghall-finijiet ta' dak li tistabilixxi l-ligi dwar il-hin massimu li seta' jittiehed ghar-riklami minn detentur ta' licenzja ghat-trasmissjoni ta' programm ghal kull siegha ta' xandir[31]. Hu tenna li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' fis-6 ta' Gunju, 2002, ma kinitx tqis l-i*spots* tal-M.L.P. bhala reklami, u li "mhux ser ikunu fi programm"[32]. Fit-tieni lok, fisser li "ma hemmx ghalfejn isir il-hlas ghaliex dan[33] huwa rimedju moghti mill-Awtorita'"[34]. Fit-tielet lok, ix-xhud qal li l-i*spots* tal-M.I.C. bdew jintwerew fuq it-televizjoni mill-2000, ghalkemm qabel kienu jixxandru bir-radju[35];

Illi, min-naha l-ohra, meta xehed ic-*Chairman* tal-kumpannija mharrka, Anthony J. Tabone, huwa sehaq li l-Bord tal-PBS kien infixel bid-decizjoni tal-Awtorita' tas-6 ta' Gunju, 2002, li kienet tmur kontra dik moghtija minnha f'Jannar ta' qabel,[36] fis-sens li kienet giet michuda t-talba tal-Malta Labour Party biex jinghata spazju b'xejn fuq ix-xandir pubbliku biex jirreplika ghall-i*spots* tal-M.I.C.[37] Fit-tieni lok, huwa insista wkoll li l-oggezzjoni tal-kumpannija rapprezentata minnu ghad-decizjoni tal-Awtorita' tas-6 ta' Gunju, ma kinitx ghaliex il-M.L.P. kien sejjer jithalla jxandar b'xejn, fil-hin tar-reklami, imma ghaliex klijenti potenzjali ohra li normalment jipprenotaw hinijiet ghar-reklami kienu se' jzommu lura milli jixtru hin biex

---

[30] Ara pag 34 tal-process

[31] Regolament 24 tat-Tielet Skeda tal-Kap 350

[32] Xhieda ta' Dottor Aquilina tat-12.7.2002, f'pagg. 69, 70 u 72 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM

[33] Jigifieri l-i*spots* tal-M.L.P.

[34] *Ibid.* f'pag 72 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM

[35] *Ibid.* f'pag. 73 tal-ati tal-kawza Nru. 711/02JRM

[36] Dok "AJT5", f'pagg. 83-5 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM (partikolarment minuta numru 2.24)

[37] Xhieda ta' Anthony J. Tabone 12.7.2002, f'pag. 87 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM

jirreklamaw fuq TVM[38] . Fit-tielet lok, huwa qal li kienet qeghda ssir diskriminazzjoni mal-istazzjon nazzjonali ghaliex, ghalkemm l-i*spots* tal-M.I.C. kienu qeghdin jixxandru wkoll fuq stazzjon televiziv privat, l-Awtorita' kienet tat id-decizjoni taghha biss fil-konfront tal-PBS, meta l-Kostituzzjoni ta' Malta ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn xandir pubbliku u xandir privat[39]. Fir-raba' lok, li l-Bord tal-P.B.S. fehem u dejjem qies li l-i*spots* tal-M.I.C. kienu informattivi u ma kinux jirrikjedu rimedju, u dan minbarra li kienu kisbu gharfien u gieh mill-Awtorita' nnifisha[40]. Fil-hames lok, fisser li l-i*spots* tal-M.I.C. bdew jixxandru minn fuq TVM minn Jannar tal-2000[41] u b'kollox, matul il-medda taz-zmien sa Gunju ta' din is-sena, kienu xxandru elf u erba' (1004) minuti minn dawn l-i*spots* li, minbarra l-godda, f'uhud mill-kazijiet kienu jikkonsistu f'ripetizzjoni ta' xi *spot* li jkun deher qabel, jew tahlita flimkien ta' izjed minn wiehed;

Illi, qabel ma l-Qorti tghaddi biex tibda biex tqis il-mertu, hu mehtieg li jigu mistharrgin l-eccezzjonijiet preliminari. Minn dawn hemm tnejn f'din il-kawza. Wahda mressqa mill-Awtorita' tax-Xandir, u li hija gurisdizzjonali, u l-ohra mressqa mill-Public Broadcasting Services Limited, li tirrigwarda l-*locus standi judicio* taghha f'dawn il-proceduri;

Illi **ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' mharrka,** hija qeghda tghid li din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tistharreg id-decizjonijiet taghha meta dawn ikunu mehudin skond is-setghat moghtijin lilha bl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni. Biex issahhah din l-eccezzjoni, hija tirrikorri ghal dak li jipprovdi l-artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni, u mill-mod kif inhi mfassla l-eccezzjoni, jidhrilha li la hija misthoqqa fl-ittra u lanqas fl-ispirtu tal-ligi. L-ewwel nett, fil-fehma taghha, l-artikolu 118(8) huwa mahsub biex iseddaq l-awtonomija tal-Awtorita' waqt li tkun qeghda twettaq id-dmirijiet taghha

[38] *Ibid.* f'pagg. 88, 90 u 112 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM
[39] *Ibid.* f'pagg. 91, 93 u 95 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM
[40] *Ibid.* f'pag. 87 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM
[41] *Ibid.* f'pag. 89 tal-process u Dok "AJT1", f'pagg. 75-8 tal-atti tal-kawza Nru. 711/02JRM

moghtija mill-Kostituzzjoni u mil-ligi. Fi kliem iehor, il-Qorti tifhem li dak il-provvediment tal-oghla ligi tal-pajjiz huwa mahsub biex jassigura li l-Awtorita' tithalla twettaq id-dmirijiet u l-funzjonijiet taghha minghajr l-indhil ta' hadd. Imma dak zgur m'ghandux jitiehed li jfisser li l-Awtorita' tista' taghmel li trid jew li tqieghed lilha nnifisha lil hinn minn kull kontroll li jaghmilha oghla mill-oghla ligi tal-pajjiz. Minbarra dan, il-kliem imsemmi f'dik id-dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni huwa spjegat sewwa fl-artikolu li jfisser id-diversi dispozizzjonijiet l-ohrajn (*interpretation clause*), precizament fl-artikolu 124(10), li jghid car li lill-Qrati hija moghtija s-setgha li jezercitaw gurisdizzjoni dwar jekk persuna jew awtorita' tkunx qdiet il-funzjonijiet moghtijin lilha skond il-Kostituzzjoni;

Illi dan il-punt ma japplikax biss fid-dawl tal-ligi l-gdida dwar ix-Xandir jew ghaliex fl-ordinament Malti ddahhal statutorjament l-istharrig gudizzjarju ta' ghamil amministrattiv, imma ghaliex din il-fehma ilha tigi mfissra mill-Qrati taghna ghal zmien twil u sallum ma ngiebet l-ebda raguni tajba ghaliex dik il-fehma ghandha issa tigi maqluba. F'dak ir-rigward inghad li fejn il-ligi (l-Kostituzzjoni) riedet izzomm l-indhil ta' Qorti fl-operat ta' xi persuna jew awtorita' dan qalitu espressament[42] u, ghalhekk, l-artikolu 124(10) jaghti mhux jedd lill-Qrati li jezercitaw gurisdizzjoni, izda sahansitra d-dmir li jaraw u jizguraw li kull awtorita' moghnija bis-setgha li twettaq xi funzjonijiet partikolari taqdihom u twettaqhom kif iridu l-Kostituzzjoni u l-ligijiet tal-pajjiz[43];

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti mhix qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' mharrka;

Illi **ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-kumpannija mharrka**, din qeghda tghid li ladarba l-azzjoni tirrigwarda ksur ta' l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, hi m'ghandhiex twiegeb ghaliha billi m'ghandhiex rabta guridika mal-Partit

[42] Ara, per ezempju, l-artt. 86(3), 101A(14) u 115 tal-Kostituzzjoni

[43] App. Civ. **22.5.1971** fil-kawza fl-ismijiet ***Mintoff pro et noe vs Montanaro Gaucl noe*** (Mhix pubblikata) u wkoll App. Civ. **21.4.1978** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et noe vs Montanaro Gaucl noe et*** (Mhix pubblikata)

attur u ghalhekk ma messhiex giet imharrka. Qeghda titlob li tinheles milli tibqa' izjed fil-kawza;

Illi wkoll kieku wiehed jibqa' biss fuq il-formulazzjoni ta' dik l-eccezzjoni, wiehed ikollu jghid li m'ghandhiex mis-sewwa. M'huwiex minnu li l-azzjoni attrici hija msejsa biss fuq allegat ksur tal-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni. Mad-daqqa t'ghajn u b'qari mqar superficjali tac-citazzjoni, huwa car li l-azzjoni attrici hi daqstant prominentement marbuta wkoll ma' xilja ta' nuqqas ta' harsien tad-dispozizzjonijiet tal-Att XII tal-1991 fil-konfront tal-kumpannija eccipjenti. Bhala entita' licenzjata biex ixxandar taht dak l-Att, il-kumpannija mharrka ma tistax ma tkunx il-kontradittur legittimu ta' pretensjoni minn persuna (f'dan il-kaz, korp kostitwit) li qeghda tallega ksur ta' jeddijietha fit-trasmissjoni ta' programmi li l-kumpannija mharrka nnifisha qeghda tittrazmetti;

Illi dan m'huwiex kulma ghandu x'jinghad dwar l-eccezzjoni taht ezami. Eccezzjoni bhal din diga giet mistharrga f'okkazjoni ohra mill-Qrati taghna u fiz-zmien li kienet fis-sehh il-ligi li ghandna llum u ma ntlaqghetx. Biex ma tinheliex f'ezercizzju ripetitiv, il-Qorti sejra ssemmi biss u taghmel riferenza ghar-ragunamenti maghmula minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-**1 ta' Lulju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Onor. Dr. Eddie Fenech Adami noe vs Dr. Joe Pirotta noe et*** (Citazz. 1228/97GCD), konfermata fl-Appell fis-**17 ta' Lulju, 1997**. Din il-Qorti ma ssib xejn differenti fl-atti ta' din il-kawza tal-lum li jwassalha tahseb mod iehor jew li titbieghed mill-konsiderazzjonijiet ghaqlija u pertinenti maghmulin f'dawk is-sentenzi, ukoll dwar l-eccezzjoni prezenti;

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-kumpannija mharrka;

Illi l-Qorti qeghda tghaddi biex tqis **fil-mertu t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-imharrkin**. Irid jigi, qabel xejn, precizat li l-ebda wahda mit-talbiet attrici ma hija mahsuba li twaqqa' xi decizjoni mehuda mill-Awtorita' mharrka dwar l-i*spots* mertu tal-kawza. Ghall-kuntrarju, is-seba' u t-tmien premessi tac-citazzjoni jirreferu ghad-

decizjoni tal-Awtorita' mharrka tas-6 ta' Gunju, 2002, bhala l-bazi tat-talbiet attrici. Dan kollu qieghed jinghad, madankollu, ghaliex il-kumpannija mharrka ssejjes il-hames eccezzjoni taghha ghat-talbiet tal-Partit attur fuq il-kontestazzjoni taghha (permezz ta' kawza) tas-siwi ta' dik id-decizjoni tal-Awtorita';

Illi, ghalhekk, kulma sejjer jinghad izjed 'il quddiem f'din is-sentenza jrid jitqies fid-dawl tas-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti fil-kawza mibdija mill-Public Broadcasting Services Limited u li biha d-decizjoni tal-Awtorita' tax-Xandir tas-6 ta' Gunju, 2002, kif mibdula fit-13 ta' Gunju, 2002, kienet meqjusa bhala mhix invalida, ghall-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, fosthom dawk dwar il-limiti tal-indhil fid-diskrezzjoni tal-Awtorita' tax-Xandir fit-twettiq tad-dmirijiet taghha taht il-ligi;

Illi b'dan ma jfissirx li din il-Qorti qeghda tiddikjara li hija taqbel jew ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita' tax-Xandir, u lanqas qeghda tiddikjara li dik id-decizjoni kienet l-unika wahda li setghet tittiehed. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel pronuncjamenti f'dan ir-rigward. Il-fatt hu li, ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza moghtija minnha llum stess fil-kawza l-ohra, din il-Qorti ma sabitx ragunijiet tajba biex tiddikjara ma tiswiex lil dik id-decizjoni tal-Awtorita' mharrka li, ghalhekk u sakemm tibqa' fis-sehh, taghmel stat fil-konfront tal-atturi *nomine* wkoll;

Illi l-ewwel talba attrici titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li kemm l-Awtorita' tax-Xandir u kemm il-Public Broadcasting Services Limited naqsu li jharsu d-dmirijiet legali taghhom, u dan kemm b'ghamil (agir) u kif ukoll b'nuqqas ta' ghamil (omissjoni). Huwa evidenti li ghalkemm iz-zewg enti mharrkin huma migbura flimkien taht xilja wahda, il-parti taghhom ghandha tigi mistharrga individwalment fid-dawl ta' dan l-ilment tal-Partit attur. Jinghad hekk ghaliex, ghalkemm wiehed jista' jghid li l-obbligi tal-Awtorita' tax-Xandir u tal-Public Broadcasting Services Limited taht il-ligi huma l-istess ghal dak li jirrigwarda imparzjalita' u bilanc f'certu ghamla ta' xandir, ir-rwol ta' kull wahda minnhom fil-harsien ta' dawn id-doveri hija differenti. L-Awtorita' hija r-regolatur u l-

ghassies ta' dawn id-dmirijiet, b'setgha li tordna t-twettiq taghhom minn haddiehor. Il-Public Broadcasting Services Limited hija l-esekutur effettiv tax-xandir pubbliku moghnija bit-taghmir u r-rizorsi mehtiega biex taghmel dan, u, bhala tali, hija marbuta li minn jeddha thares hi l-obbligi taghha. Jekk dan ma twettqux, tigi passibbli ghal dak li tista' tordnalha l-Awtorita';

Illi, dwar ir-rwol tal-Awtorita' mharrka, mill-provi mressqa jirrizulta li l-ilment imressaq dwar l-i*spots* mill-Partit attur fl-14 ta' Dicembru, 2000, kellu l-ewwel twegiba formali min-naha tal-Awtorita' lejn l-ewwel jiem tas-sena ta' wara, medda ta' madwar tliet gimghat wara, meta ttiehdet decizjoni dwaru. Imbaghad hemm qabza ta' diversi xhur (almenu hekk jidher mill-atti tal-kawza) li matulha, ghalkemm l-i*spots* tal-M.I.C. kienu qeghdin jixxandru, ma jissemma xejn dwarhom. Dan sat-8 ta' Jannar, 2002, meta tressaq ilment formali mill-attur Magro u d-decizjoni dwaru ttiehdet fit-30 ta' Jannar, 2002, jigifieri madwar tliet gimghat wara. Mill-provi mressqa wkoll jirrizulta li ghalkemm l-ewwel *spots* ixxandru f'Jannar ta' dik is-sena, ma jidhirx li rega' kien hemm xandiriet ohrajn sa Novembru tal-2000. L-ilment, ghalhekk, kien pjuttost tempestiv;

Illi wiehed irid jara jekk, f'dik ic-cirkostanza, z-zmien li ghadda bejn il-jum meta tressaq l-ilment u l-jum li fih, tajjeb jew hazin, l-Awtorita' ipprovdiet ghal dak l-ilment, jikkostitwix dewmien mhux misthoqq. Dan qieghed jinghad ghaliex, id-dewmien jikkostitwixxi nuqqas fih innifsu li jintitola lill-Qorti tistharreg l-imgiba tal-Awtorita' taht il-kawzali ta' dak li, fid-Dritt Amministrattiv, huwa maghruf bhala "*failure to exercise discretion*"[44];

Illi minn dak li johrog mill-atti tal-kawza, il-Qorti ssib li l-Awtorita' mharrka ma zammitx lura milli tezercita d-diskrezzjoni taghha minghajr heffa xierqa. Illi fiz-zewg kazijiet jidher car li bejn iz-zmien meta waslilha lment u l-jum meta ttiehdet decizjoni dwaru, l-Awtorita' ltaqghet mal-partijiet koncernati u ddeliberat kif imiss. Il-kwestjoni

[44] Ara App. Civ. **21.4.1978** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Montanaro Gauci et*** (Mhix pubblikata)

mhix tant jekk tatx rimedju ghall-ilment li ghogob lill-atturi *nomine*, imma jekk agixxietx fuq l-ilment. Min-naha tieghu, il-Partit attur ma ressaq l-ebda procedura biex iwaqqa' xi wahda mid-decizjonijiet li hadet l-Awtorita' fil-konfront tal-ilmenti mressqin minnu. Il-Protest gudizzjarju mressaq mill-Malta Labour Party fil-5 ta' Lulju, 1999[45], kien jirreferi ghal xiljiet ta' censura u nuqqas ta' imparzjalita' f'sensiela ohra ta' programmi mtellghin mill-P.B.S. stess, ma seta' qatt kien qieghed jirreferi ghall-i*spots* tal-M.I.C., ghaliex dawn kienu ghadhom ma bdewx jixxandru fuq it-televizjoni. Ghalhekk dak il-Protest ma seta' qatt iqieghed lill-Awtorita' u lill-kumpannija mharrka *in mora* dwar ix-xandiriet tal-M.I.C.;

Illi ghal dak li jirrigwarda r-rwol tal-Public Broadcasting Services Limited, dejjem fir-rigward tal-ewwel talba attrici, il-Qorti ssib li ghalkemm il-Partit attur kien kontinwament jinsisti maghha biex tirrimedja ghac-cahda tieghu li jtella' programmi biex iwiegeb ghall-i*spots*, il-kumpannija mharrka ma ghamlet xejn biex ixxekkel id-decizjonijiet li kienet hadet l-Awtorita' mharrka. Kienet tfasslet sensiela ta' programmi, imma li l-atturi *nomine* ma ridux jiehdu sehem fiha, u dan ma ghandhiex tahti ghalih il-kumpannija mharrka. Huwa minnu wkoll li l-kumpannija mharrka kienet tenuta bil-ligi li thares l-bilanc u l-imparzjalita' f'dan ir-rigward, izda ma setghetx minn rajha tfassal skeda ta' xandiriet li ma jkunux reklami minghajr il-qbil tal-Partit attur, u l-approvazzjoni preventiva tal-Awtorita' mharrka[46] ;

Illi, madankollu, il-qaghda tal-kumpannija mharrka nbidlet ghal kollox wara s-6 ta' Gunju, 2002, jigifieri dak inhar li l-Awtorita' mharrka iddecidiet li l-Partit attur jibda jxandar *spots* bi twegiba. Minn dak inhar, il-Public Broadcasting Services Limited zammet lura milli twettaq dak ordnat minnha. Min-naha tieghu, il-Partit attur accetta (ghalkemm mhux minghajr rizervi) li jiehu sehem f'dik l-iskema. Ghalkemm uriet premura mill-aktar imrazzna fl-imgiba taghha u irrikorriet bla dewmien zejjed ghall-proceduri gudizzjarji biex tigi definita d-diffikulta' li kellha dwar l-ordni moghti lilha bid-decizjoni tal-Awtorita', jibqa' l-

45 Dok "KA6", f'pagg. 74-5 tal-process
46 Ara art. 23(1) u 23(2) tal-Kap 350

fatt li, b'effett mis-17 ta' Gunju, 2002, il-kumpannija mharrka kienet qeghda effettivament thalli li jinholoq zbilanc kontra l-atturi *nomine,* u dan bi ksur tal-jeddijiet taghhom taht il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sentenza moghtija minn din il-Qorti llum fuq l-azzjoni ta' dik il-kumpannija, tissokta tikkonferma dan;

Illi ghalhekk, l-ewwel talba attrici qeghda hekk limitatament titqies misthoqqa u, b'konsegwenza, r-raba' eccezzjoni tal-kumpannija mharrka michuda;

Illi dwar it-tieni talba attrici jinghad li din tinstilet minn ta' qabilha ghaliex ix-xilja li l-imharrkin holqu jew hallew li jinholoq zbilanc hija dipendenti fuq in-nuqqas ta' harsien min-naha taghhom tad-dmirijiet taghhom skond il-ligi. Jekk ma naqsux minn dmirijiethom, ma setghux jinzammu responsabbli li holqu jew ippermettew li jinholoq zbilanc. Kif rajna qabel, il-kumpannija mharrka qeghda titqies li naqset mill-obbligi taghha minn dak inhar li ma qaghditx ghad-direttiva mahruga mill-Awtorita mharrka, u r-raguni li, fil-frattemp, kien hemm vertenza gudizzjarja miexja bejnha u l-istess Awtorita' ma hija tal-ebda wens ghall-atturi *nomine* u lanqas m'ghandha sservi biex iccahhadhom mit-tgawdija tar-rimedju provdut mill-Awtorita' permezz ta' dik id-direttiva;

Illi, f'dan il-kontest il-Qorti tqis ukoll it-tielet eccezzjoni tal-kumpannija mharrka, li tghid li t-talbiet attrici m'ghandhomx jintlaqghu ghaliex l-i*spots* tal-M.I.C. imxandra minnha kienu semplicement mahsuba biex jaghtu taghrif bilancjat dwar l-ishubija fl-Unjoni Ewropeja u ma kienu bl-ebda mod jiksru l-ligi. It-talbiet attrici, bhar-ragunament wara d-decizjoni tal-Awtorita' mharrka, m'humiex mibnija fuq il-premessa li l-i*spots* tal-M.I.C. kienu illegali: it-talbiet attrici u d-decizjoni tal-Awtorita' jipprezumu li l-imsemmija *spots* huma legali, izda li jnisslu l-htiega li fehmiet ohrajn ghal dak li jghidu huma jigu mismugha wkoll. Kieku l-i*spots* kienu illegali, forsi r-rimedju kien ikun li jitwaqqfu ghal kollox, u mhux li tinholoq skema biex l-atturi *nomine* jxandru *spots* bhalhom;

Illi ghalhekk, il-Qorti qeghda ssib li t-tieni talba attrici hija misthoqqa safejn tirrigwarda lill-kumpannija mharrka u dan miz-zmien li naqset li twettaq id-direttiva tal-Awtorita' mharrka, u li t-tielet eccezzjoni tal-kumpannija mharrka qeghda tigi michuda;

Illi fuq <u>it-tielet talba attrici</u>, ghandu jinghad li l-ilment ewlieni tal-atturi *nomine* hu li ghadhom ma nghatawx rimedju sufficjenti. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-atturi *nomine* issottometta li biex ir-rimedju jkun shih irid ikun hemm parita' ta' hin allokat lill-Partit attur u li r-rimedju jqis retrospettivament iz-zmien u l-hin kollu li l-i*spots* tal-M.I.C. ilhom jixxandru. Fit-talba taht ezami hemm possibilta' ohra mahsuba, jigifieri dik li l-Qorti tordna li titwaqqaf ghal kollox it-trasmissjoni ta' *spots* tal-M.I.C. Bir-rispett kollu ghas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tal-atturi, dawn ma jistghux jintlaqghu minn din il-Qorti. Dan jinghad ghal izjed minn raguni wahda. Ewlenija fosthom hi li din il-Qorti diga' fissret li ladarba l-Awtorita' ezercitat id-diskrezzjoni taghha, m'huwiex kompitu tal-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Awtorita' sakemm ma jkunx jirrizulta nuqqas rilevanti fl-arrangamenti ordnati mill-Awtorita'[47]. Fit-tieni lok, ghalkemm gie suggerit li l-Qrati taghna taw rimedju retrospettiv, lil din il-Qorti ma tirrizultalhiex li hekk sar fis-sentenza msemmija mid-difensur tal-atturi *nomine*. Minbarra dan, kien dejjem possibbli ghall-Partit attur li jressaq proceduri gudizzjarji tempestivi biex jinghata r-rimedju, haga li ghazel li ma jaghmilhiex qabel ma fetah din il-kawza;

Illi fit-tielet lok, bil-kelma "imparzjalita'" fil-qafas ta' materji ta' kontroversja politika jew ta' hwejjeg ta' politika pubblika kurrenti wiehed jifhem xi haga differenti minn parita'. Kemm hu hekk, jinghad illi "*Impartiality is not to be equated with parity or balance as between political parties of different strengths, popular support or appeal. ... It means fairness of allocation having regard to those factors, yet making allowance for any significant current changes in the political arena and for the potential effect*

[47] Ara. P.A. EM **17.5.1971** fil-kawza fl-ismijiet ***Mintoff pro et noe vs Montanaro Gauci et noe***

*of the powerful medium of television itself in advancing or hindering such changes*"[48] . Dan ukoll jinsab stabilit f'decizjonijiet tal-Qrati taghna sa minn certu zmien ilu[49], specjalment meta wiehed jigi biex iqis ir-rimedju li jrid jinghata biex jirripristina l-imsemmija imparzjalita';

Illi, fir-raba' lok, ir-rimedju tat-twaqqif tax-xandir tal-i*spots* tal-M.I.C. ma jidhirx li jindirizza l-qofol tal-kwestjoni, minbarra liordni bhal din minn din il-Qorti tkun qeghda timpunja d-diskrezjoni tal-Awtorita' "fuq il-mertu taghha". Ghal darb'ohra jinghad li t-twaqqif tax-xandir tal-i*spots* imsemmija jitfa' fuqhom dell ta' censura li m'hemmx lokha. Ma' dan jizdied jinghad li jekk il-bazi fondamentali tal-jedd tal-atturi *nomine* u tal-pubbliku in generali li ghandu dritt jisma' kull fehma fuq ix-xandir pubbliku titnissel mid-dritt tal-espressjoni hielsa, kif jista' wiehed jghid li dan id-dritt ikun qieghed jithares semplicement billi twaqqaf milli jitkomplew jixxandru l-i*spots* tal-M.I.C.;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, jidher izjed xieraq u konformi mal-ligi li t-tielet talba attrici tintlaqa' fis-sens li dak li ordnat l-Awtorita' tax-Xandir fid-direttiva taghha tas-6 ta' Gunju, 2002, ikun ir-rimedju moghti lill-Partit attur;

Illi, l-istess haga tinghad dwar <u>ir-raba' talba attrici</u>;

Illi jifdal biss li tigi konsidrata <u>r-raba' eccezzjoni tal-Awtorita' mharrka</u>. Din mhix, proprjament, eccezzjoni imma kumment. Il-Qorti tat il-fehma taghha dwar dan il-kumment fis-sentenza l-ohra minnha moghtija llum, u fuq talba specifika tal-kumpannija mharrka (attrici f'dik il-kawza), u tillimita ruhha biss biex taghmel riferenza ghaliha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi:

Filwaqt li **tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-Awtorita' mharrka bhala mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt;

---

[48] Auld LJ fil-kawza fl-ismijiet ***R vs British Broadcasting Company et, ex parte Referendum Party*** (**1997**) EMLR 605

[49] App. Civ. **26.2.1976** fil-kawza ***Borg Olivier et vs Coleiro noe*** u App. Civ. **17.7.1997** fil-kawza ***Fenech Adami noe vs Pirotta noe et***, imsemmija qabel

Filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija mharrka** bhala mhux misthoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, izda biss fil-konfront tal-kumpannija mharrka u **tichadha** kwantu tirreferi ghall-Awtorita' mharrka;

**Tilqa' t-tieni talba attrici**, izda biss fil-konfront tal-kumpannija mharrka, u dan in kwantu din naqset li toqghod ghad-decizjoni tal-Awtorita' mharrka li xxandar l-i*spots* tal-Partit attur kif ordnata, u **tichadha** kwantu tirreferi ghall-Awtorita' mharrka;

**Tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talbiet attrici** billi tordna lill-Public Broadcasting Services Limited twettaq dak minnha ordnat mill-Awtorita' tax-Xandir fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Gunju, 2002, kif sussegwentement mibdula fit-13 ta' Gunju, 2002, u lill-Awtorita' mharrka li tqis li l-ordnijiet taghha kif moghtija b'dik id-decizjoni, jew ordnijiet jew direttivi ohrajn mahruga minnha bi twettiq ta' dik id-decizjoni, jigu mharsin u mwettqa tempestivament, sakemm jibqghu jipprevalu c-cirkostanzi li fihom ittiehdet dik id-decizjoni;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita' mharrka** ghaliex misthoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

Tordna li **l-ispejjez** tal-kawza jithallsu skond ir-rebh u t-telf, b'dan illi l-ispejjez tal-Awtorita' tax-Xandir dwar l-ewwel zewg talbiet attrici jithallsu mill-atturi *nomine*.

**Moqrija,**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**

**5 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur,**
**5 ta' Settembru, 2002**

--------------------------------TMIEM--------------------------------